SANNAT

Minuti tal-wieħed u għoxrin laqgħa tas-seba' tal-Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 19 ta' Awwissu 2010 fit-745 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa issejħet b'urġenza.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju | <br>Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Intervista għall-post ta' skrivan/a part time mal-Kunsill**

983 Din il-laqgħa ssejħet b'urġenza għar-raġuni li Dr. Samuel Azzopardi nforma lis-Segretarju li fost l-applikanti għall-post ta' skrivan/a part time hemm xi ħadd jiġi minnu. Għalhekk hu rrekuża ruħu milli jkun membru fil-Bord tal-interview għall-għażla ta' skrivan/a part time mal-Kunsill Lokali Ta' Sannat.

Il-Viċi Sindku ppropona lil Joseph Xuereb li hu *Assistant Principal*. Is-Sindku ppropona lil Josef Schembri li hu Assistent Direttur. Il-Kunsillier Teddy Bajada irtira minn membru fil-Bord. Il-Kunsill approva li l-Bord ikun kompost minn Chairperson li hi Dr. Monica Vella u tlett membri oħra tal-Bord li huma Joe Xuereb, Josef Schembri u Arthur Bajada. Arthur Bajada għandu jkun ukoll Segretarju tal-Bord. F'każ li Josef Schembri ma jkunx jista' joqgħod għandu jinħatar Nazju Abela li ġie proponut minn Marlene Muscat.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.05 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

Arthur Bajada — Philip Vella

Segretarju Eżekuttiv — Sindku